MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Numru. 31/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**SARAH ZAMMIT**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **SARAH ZAMMIT,** ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, bint Anthony u Jacqueline nee' Grima, imwielda Pieta' fid-19 ta' Jannar 1991, u toqghod mhux f'indirizz fiss u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 63891(M) giet imressqa quddiemha u akkuzata talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe':-

Talli fit-12 ta' Jannar 2013 u/jew zminijiet qabel fix-xhur ta' Novembru 2012 u Dicembru 2012 minn gewwa l-fond James Caterers li jinsab fi Triq San Tumas Fgura u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommettiet serq ta' diversi oggetti tal-ikel u/jew oggetti ohra li l-valur taghhom ma jeccedix 232.94 ewro liema serq hu aggravate bil-hin ghad-detriment ta' Michelle Barbara u/jew persuni ohra.

U aktar talli fix-xahar ta' Dicembru 2012 fil-Marsa u/jew f'dawn il-gzejjer f'xi triq jew f'post iehor pubbliku jew f'xi post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali.

U aktar talli zminijiet qabel it-12 ta' Jannar 2013 meta l-indirizz fuq il-karta ta' l-identita' ta' l-imputat ma baqax iktar validu jew, xort'ohra, ma baqax iktar korrett, minghajr dewmien, hija naqset milli tirraporta l-fatt lill-ufficjal awtorizzat u naqset milli tikkonsenja l-istess karta ta' l-identita' mhux korretta lil, u li jaghti dak it-taghrif kollu li jkun mehtieg minn dak l-ufficjal.

Il-Qorti giet mitluba mill-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija titratta lill-imputataa bhala li saret recediva ai terminu tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lilha u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet  mitluba mill-Prosekuzzjoni sabiex dan il-kaz jigi investigat skond il-Ligi.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom okkorrenza.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2013 l-imputata iddikjarat li hija ghandha diversi problemi socjali li huma:

1. tehid ta' droga tant li fethet zewg kazi ta' droga sakemm kienet il-habs u ilha dipendenti fuq id-droga ghal dawn l-ahhar disa' snin.

2. il-genituri taghha huma separati u ma jriduhiex id-dar u qed issib rifugju f'dar ta' ragel li ghandu erbghin sena.
3. hija verament tixtieq tindirizza din il-problema tal-abbuz ta' droga u lesta li taghmel programm residenzjali full time.
4. illi hija waqghet fir-reat ta' prostituzzjoni sabiex hija tkun tista' tghix.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata waqt is-seduta tat-tlettax (13) ta' Jannar 2013 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibha hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq biex jekk riedet, setghet tega' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghha giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tlettax (13) ta' Jannar 2013.
**Svetlana Bezzina** li hija addetta mal-Probation Services xehdet fit-22 ta' Jannar 2013 fejn iddikjarat li hi kienet giet nominata sabiex issegwi lill-imputata Sarah Zammit fuq ordni provizorja tas-supervizjoni mahruga fit-13 ta' Jannar 2013 ta' din l-istess Qorti. Hija spjegat li minn dakinhar 'l hawn hija ltaqghat mal-imputata fi tliet okkazjonijiet gewwa l-isptar Monte Carmeli fejn qed tinzamm. B'konsistenza l-imputata wriet ix-xewqa biex tibda l-programm residenzjali kontra l-abbuz tad-droga u ghalhekk giet riferutha lill-agenzija Caritas. Dawn spjegaw lix-xhud li l-imputata tidhol una volta ikun hemm disponibilita' fl-agenzija kif ukoll mill-okkupazzjoni tal-imputata li ser tigi assessjata minn care worker fil-granet li gejjin.
Ix-xhud iddikjarat li qabel ma' bdiet tinzamm taht arrest, Sarah ma kinitx qed tghix fi struttura stabbli. Fil-fatt la kellha impjieg u lanqas ma kellha akkomodazzjoni fissa fejn setghet tghix. Fil-prezent hi qieghda tinghata l-attenzjoni medika necessarja biex jigu kontrollati r-riperkussjonijiet fizici marbuta mal-uzu tad-droga. Fil-fehma tax-xhud fil-prezent huwa bzonnjuz li tinghata attenzjoni xierqa dwar l-aspett ta' rijabilitazzjoni, u dan

jista' jibqa' possibbli biss jekk tibqa' tinzamm f'ambjent ristrett. Ghalhekk hija stqarret li fil-fehma taghha, Sarah Zammit ghandha tibqa' tinzamm taht arrest u dan sakemm ikun hemm data specifika sakemm tkun tista' tibda l-programm residenzjali.

**Svetlana Bezzina** xehdet ukoll fil-5 ta' Frar 2013 fejn iddikjarat li mill-ahhar seduta l-hawn Sarah Zammit giet assenjata key worker u l-key worker hija mistennija izzur lil Sarah fit-8 ta' Frar u giet inkluza f'waiting list. L-imputata ghadha motivata sabiex issegwi dan il-programm u sadanittant ghadha qed tinghata l-htiega medika u gradwalment qed tigi mnaqqsa is-sustanza ta' *methadone*.

**Svetlana Bezzina** xehdet fl-14 ta' Marzu 2013 fejn iddikjarat li fl-10 ta' Marzu 2013 l-imputata bdiet il-programm residenzjali mal-agenzija Caritas. Sar il-kuntatt ma' Nancy Scerri li hija responsabbli minn dan il-programm u qalet li l-andament tal-imputata f'dan l-istadju ghalkemm huwa wiehed bikri huwa pozittiv u bil-laqgha li saret ma' Sarah tidher li ghadha motivata biex tkompli dan il-programm. Mistoqsija mill-Qorti kemm hu twil dan il-programm wiegbet li hemm tmien xhur residenzjali zgur.

**Svetlana Bezzina** xehdet fit-18 ta' Gunju 2013 u spjegat illi kemm ilha ssegwi l-programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni provdut mill-agenzija Caritas l-imputata wriet motivazzjoni kbira sabiex tindirizza l-problema taghha dwar abbuz tad-droga. Spjegat ukoll illi hija jkollha laqghat regolari mal-imputata u dan bil-ghan li theggigha biex tippersisti bl-impenn taghha. Qalet ukoll li filfatt illum il-gurnata l-imputata m'ghadhiex tiehu s-sustanza *methadone* li kienet giet preskritta lilha. Ghalhekk fil-fehma taghha l-andament ta' Sarah Zammit kien wiehed pozittiv u spjegat ukoll illi minn dak li rrizultalha l-informazzjoni li gabret mill-key worker taghha Nancy Scerri hija ghad baqalgha hames xhur ohra residenzjali. Spjegat ukoll pero' illi ghad ghandha numru ta' kazijiet ohra pendenti.

Ikkunsidrat:

Ai fini ta' piena l-Qorti qieset is-segwenti:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputata u dan fl-ewwel opportunita’ moghtija lilha;
2. Il-progress kbir li hi ghamlet sabiex tindirizza l-problema li kellha dwar abbuz tad-droga kif jirrizulta sahansitra kemm *icto oculi* kif ukoll minn dak li qalet l-Ufficjal tal-Probation Svetlana Bezzina;
3. Il-fatt illi llum il-gurnata l-imputata hija *clean* minn kull vizzju tad-droga tant li anke m’ghadhiex tiehu s-sustanza *methadone* preskritta lilha;
4. Il-fatt illi s-serqa in kwistjoni kienet titratta affarijiet tal-ikel li hija serqet sabiex issostni ruhha;
5. Il-fatt illi hija waqghet fir-reat ta’ prostituzzjoni sabiex tkun tista’ tghix u tmantni lilha nnifisha u ghalhekk piu’ che altro dan hu proprju kaz socjali u ghalhekk ghandu jinghata aktar importanza bil-ghan illi l-progress kollu li sar mill-Agenzija Appogg u l-Ufficcju tal-Probation jissahhah u bil-ghan ukoll illi l-imputata tinzamm fit-triq it-tajba specjalment issa wara li gharfet l-izbalji taghha stess.

Il-Qorti dejjem tat kull cans lil min deher quddiemha sabiex ifieq mill-problema tad-droga una volta wera l-motivazzjoni u intenzjoni serja tieghu. Kulhadd ghandu jinghata *a window of opportunity* fil-hajja tieghu una volta jissodisfa lill-Qorti li verament dak li jkun qed jaghmel hiltu kollha sabiex jghix hajja normali ‘l boghod mill-kriminalita’.

Illi din il-Qorti hija konvinta mill-attitudni murija mill-imputata tul dawn l-ahhar sitt xhur li damet taht arrest preventiv kemm fl-isptar Monte Carmeli kif ukoll gewwa d-dar tal-Agenzija Caritas maghrufa bhala Dar il-Vitorja gewwa Birkirkara u ghalhekk il-Qorti thoss li hi ghandha tkompli tghin lill-imputata. Ghalhekk il-Qorti tqis li dan huwa proprju kaz klassiku fejn l-imputata ghandha titpogga taht ordni ta’ probation.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi partikolarment l-Artikoli 18, 49, 50, 261, 284, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 7 u 19 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li ssib lill-imputata SARAH ZAMMIT hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghha u tordna li titpogga taht ordni ta’ probation ghal perjodu massimu permess**

**mil-Ligi u cioe' tliet snin ai termini tal-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan skond id-digriet hawn anness.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole sabiex jigi appuntat kandidat idejali sabiex isegwi l-andament tal-imputata probationer u taghti r-rakkomandazzjoni taghha lill-istess Direttur sabiex possibilment tigi appuntata l-Ufficjal tal-Probation Svetlana Bezzina li diga' ghandha kuntatt u relazzjoni tajba mal-imputata.**

**Il-Qorti tordna sabiex ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din is-sentenza flimkien mal-atti kollha processwali jintbaghtu lill-Avukat Generali fi zmien moghti fil-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------